Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 19 – It-Tnejn, 19 t' Awwissu, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 18, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 26 ta' Lulju – saret laqgħa ma' uffiċċjali mill-MEPA mas-Sindku u s-SE fuq il-Pjanijiet Lokali. Għandhom jintbagħtu l-minuti ta' din il-laqgħa minn naħa tal-MEPA biex il-Kunsill ikun jista jirrispondi wara.
   - 29 ta' Lulju – laqgħa mas-Sindki, *stake holders*, u NGOs fil-Kempinski Hotel mas-Segretarju Parlamentari Ian Borg fejn saret diskussjoni tal-fondi mill-UE għas-sena 2014-2020. Minn dan il-*budget* ser ikun hemm ammont li jkun speċifikament għal-Għawdex.

- 3 t'Awwissu – sar rapport il-Kunsill li nħaraq pont f'Ta' Passi għal-ħabta tal-4.30-5.30pm.
- 7 t'Awwissu - inqalgħu xi problemi dwar il-ġbir tal-iskart domestiku mill-Marina taż-Żewwieqa. Il-każ ġie diskuss mal-Ministeru għal-Għawdex u jidher li nstabet soluzzjoni.
- 9 t'Awwissu – saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill fuq talba tal-MTA fejn kienu preżenti l-partijet kollha li għandhom x'jaqsmu fuq is-sigurtà u tnaqqis ta' periklu fuq il-gżira ta' Kemunett. Saret laqgħa oħra segwenti fl-uffiċċju tal-MTA nhar l-14 ta' Awwissu, fejn attendew is-Sindku, MTA u l-Forzi Armati.
- Il-Kunsill irċieva ittra mill-avukata Justine Caruana f'isem Bradon Cefai, fejn din l-ittra hi indirizzata lis-Sur Tonio Spiteri, iżda ikkupjata ukoll lill-Gasan Mamo Insurance u lill-Kunsill Lokali Għajnsielem. Din l-ittra issemmi l-inċident li kien seħħ fis-17 t'April fit-Triq Lourdes, Għajnsielem, fejn l-avukata qed tgħid li Tonio Spiteri kien qed isuq il-vettura u qaċċat is-siġra. Din is-siġra għamlet diversi danni lill-vettura tas-Sur Cefai li kienet ipparkjata f'din it-Triq msemmija. L-avukata Caruana qed tobliga lis-Sur Tonio Spiteri biex iħallas id-danni lis-Sur Cefai. Is-SE infurmat illi hi qabdet l-avukata tal-Kunsill biex tirrispondi din l-ittra, fejn qalet li l-Kunsill m'hux responsabbli ta' dawn il-ħsarat.
- 27 u 28 ta' Settembru – laqgħa tas-Sindki fil-Lukanda Dolmen. Il-Viċi Sindku se jattendi u s-Sindku ser jidderoga l-vot lill Viċi Sindku.
- Il-Kunsill irċieva ittra ndirizzata lis-Sindku rigward il-baqra li mietet waqt Bethlehem f'Għajnsielem 2011-2012. Is-Sindku għadda din l-ittra lil Franco Ċiangura fejn dan qal li din il-baqra kienet tqila u mietet waqt li kienet qed twelled f' Ta Passi. Hu qal li b' dan il-każ ser jinforma lil-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem biex jara jintlaħaqx ftehim ma-sid il-baqra fuq il-prezz tagħha , li qed jitlob €2,000.
- Is-SE qalet li peress li daħal l-ħaddiem il-ġdid fuq l-Iskema tad-Diżabilità, il-Kunsill jista' jinvesti f'sistema ta' drip u fjuri fil-Ġnien tal-Monument tal-Gwerra, skont kif kien issuġerixxa Peter Caruana fl-laqgħa preċidenti. Il-

Kunsill approva li jagħmel l-ispejjeż li hemm bżonn biex issir din is-sistema, u jinxtraw il-fjuri.

**4. Żjara minn Tolfa f'Malta**

Mill-aħħar informazzjoni li għandha is-S.E., il-grupp tal-*Olimpiadi della Cultura* se jasal nhar l-24 t'Awwissu, fejn dawn se joqogħdu fl-iskola tal-Ingliż f' Għajnsielem. Nhar is-26 t'Awwissu jasal grupp ta' 25 persuna, li huwa l-grupp responsabbli minnu l-Kunsill. Is-Sindku ta' Tolfa u xi persuni oħra se jiġu għal tlett ijiem peress li hemm impenji oħrajn f'Tolfa. Il-grupp ta' 25 persuna se joqogħdu fl-akkomodazzjoni (appartamenti) ta' Anthony Attard skond kif kien miftihem bejn il-Kunsill u s-sur Attard fil-laqgħat preċidenti. Sur Attard se jieħu ħsieb jipprovdi l-*breakfast* tul iż-żjara tagħhom f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li x'ħin jaslu dan il-grupp, isir arranġament li l-Kunsill iħallas l-ispiza tal-*breakfast* u ikliet fil-għaxija, u l-grupp taljan iħallas l-akkomodazzjoni.

**5. *Parking Bays* – Pjazza Madonna ta' Loreto**

Is-Sindku spjega l-pjanta proposta tal-marki fil-Pjazza kif bagħta l-perit Scerri. Il-Kunsill approva din il-pjanta.

**6. *Telephone box* fil-Pjazza Madonna ta' Loreto**

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Go Plc, fejn tgħid li is-sid tal-*bar* tal-każin tal-*Football* għamel talba biex tinqala din it-*telphone box* minn fejn qegħdha u tiġi mwaħħla quddiem it-terrazzin tal-football. L-enġinier mill-Go Plc bagħat is-*site plan* bil-proposta, u għar-risposta tas-SE, l-enġinier kiteb li l-ispejjeż biex isir dan ser jitħalsu mill-Go Plc u t-terzi persuni. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li din tiġi transferita.

**7. Tisbiħ tal-*Playingfield* tal-Gudja**

Ghat-talba tal-Kunsillier Peter Caruna, is-SE ġabet stima ta' diversi bandli addatati għal-*playingfield* tal-Gudja. Il-Kunsill għażel li tiġi nstallata *2 seat swing with flat seats* għal prezz ta' €798.00.

**8. *Car Free Day*/Kids Fair**

Il-Kunsill qabel li ssir l-Kids Fair, u jekk l-fondi ma jingħatawx lill-Kunsill mil-MEPA, il-Kids Fair issir bil-flus għall-pubbliku bħas-snin l-imgħoddija. Jekk il-Kunsill jingħata l-fondi, jitħallas l-ammont ta' €2,360 u jsir ħabel biex isir l-inxir tal-ħwejjeġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill sa triq il-Ħamri flimkien mal-Kids Fair u attivitajiet oħra. Il-Kunsill qabel li jsejjaħ laqgħa mal-għaqdiet biex il-*Car Free Day* tiġi organiżżata flimkien. Bħala promozzjoni, il-Kunsill qabel li l-*Car Free Day* kif ukoll il-Kids fair isiru flimkien, u jitqasmu l-flyers bieb bieb, f'Għawdex kollu. Apparti l-flyers, għandhom jiġu printjati mal-40 *poster* biex jitwaħħlu fil-ħwienet.

**9. Festa San Franġisk – 20 t'Ottubru.**

Is-SE ġiet avvicinata minn Fra Lorry Żerafa, li wera x-xewqa li jsir pjan biex il-Kunsill jorganizza festa żgħira għal-ġieħ San Frangisk, fejn din tiġi ċċelebrata fil-Knisja ta' Sant Antnin. Il-Kunsill qabel li jordna l-banda tal-iscouts biex tagħmel marċ mill-Kunsill sal-Knisja tal-Patrijiet. Il-Kunsill qabel ukoll li jieħu ħsieb it-transport mill-vapur sal-Kunsill u lura, kif ukoll tal-biljetti tal-vapur.

**10. Materji oħra**

Francis Cauchi:

- Is-Sindku qal li twaqfet għaqda tal-presepju f'Għajnsielem, fejn huwa ġie nnominat segretarju ta' din l-għaqda. Il-kumitat ta' din l-għaqda ddeċieda li nhar il-Festa ta' San Frangisk tiġi mwaqfa uffiċċjalment din l-għaqda b'quddiesa fil-Knisja ta' Sant Antnin u talab lill-Kunsill jekk kienx possibli li ssir laqgħa fix-xahar sakemm jinstab post alternattiv minn din l-għaqda. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni biex dan il-Kumitat jiltaqa' fis-sala tal-Kunsill darba fix-xahar sakemm jinstab post alternattiv.
- Saret talba biex isiru żewġ gradi fil-Pjazza Madonna ta' Loreto peress li nqala` ħajt, biex tinbena propjeta, li kien fih it-toqob għall-ilma u kien imur f'gandott. Minħabba dan inħolqot problema kbira tal-ilma tax-xita. Il-Kunsill approva li jħallas il-gradi u s-sid tal-post se jagħmel l-ispejjeż l-oħra.

Stephen Mercieca:

- Karozza *Mercedes* bajda mitluqa fit-Triq iż-Żewwieqa – isir rapport lill-pulizija biex titneħħa.

Franco Ciangura

- Biex issir bankina fit-Triq l-Ixprunara, mal-ġemb ta' residenza ta' Franco Ciangura – issir talba lic-CMU.
- Talba biex issir bankina fit-Triq Dun Ġuzepp Galea Rapa ħdejn l-istore tal-Armar – talba lic-CMU.
- Staqsa fuq l-iżviluppi tal-Belvedere – is-Sindku qal li qed nistennew il-permess tad-DNO. L-applikazzjoni ghal-fondi tal-UIF saret u jingħataw mal-ħruġ tal-Permess.
- Jitwaħħal il-Poster tal-awguri tal-Festa mal-faċċata tal-Kunsill.
- Mappa tax-Xatt – is-SE qalet li qed tistenna lill-Paul Stellini jagħtiha l-mappa.
- Suġġeriment biex il-Kunsill jinvesti f'materjal biżżejjed biex ikun jista jieħu miegħu fiż-żjajjar barra minn Malta, eżempju, banners, dvds u kotba.
- Isir *update* tal-website biż-żjara f'Tolfa
- Isir *billboard* fit-Triq Mġarr bl-attività tal-*car free day*.

Larry Buttigieg

- Żrar fit-Triq Wied Martin – jitnaddaf mill-ħaddiema tal-Kunsill
- Bank fit-Triq Malta – Is-Sindku għandu jiċċekja meta se jkun lest dan il-bank.
- Jitnaddaf Wied ir-Rajjes u tinfetah grada li kienet ingħalqet bit-Tarmac – Is-Sindku qal li l-wied kien tnaddaf u rigward il-grada hu qal li hemm katusa eżistenti fit-Triq u tista ssir grada għal ġo din il-katusa.
- Staqsa jistax il-Kunsill joffri għajnuna fit-Tiġrija taż-Żwiemel – il-Kunsill iddeċieda li din tiġi donazzjoni u għalhekk ma jistax jagħmel dan.
- Staqsa jekk hemmx żviluppi fil-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem. Franco qal illi ħareġ l-avviż għall-membri ġodda fil-Kumitat, iżda ħadd ma kien interessat li jidħol fil-Kumitat tal-Fondazzjoni. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Fondazzjoni biex jiġi diskuss il-Milied li ġej.

## 11. Customare Care

- Permess tal-kiosks f' Għajnsielem Fest – Is-SE qalet li hija ħarġet il-permessi tal-Kiosks fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru, bħas-snin l-imgħoddija, iżda hemm min qed jitlob biex il-permess jinħareg fit-Triq J.F. de Chambray. Il-Kunsill qabel mas-SE u għalhekk il-permessi joħorġu fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru biss.
- Biex issir bankina ġdida fit-Triq il-Latini – talba lic-CMU.
- Bin fuq il-Belvedere tat-Triq Hamri dejjem mimli bl-iskart domestiku u għalhekk qed issir talba biex dan jinqala minn hemm – il-Kunsill qabel li dan ma jinqalax.
- Skart domestiku fit-Triq il-Gleneagles – is-Sindku qal li dik il-problema tal-appartamenti, iżda twaħħlu t-tabelli biex ma jintremax żibel u jidher li kien hemm titjib.
- Fontana fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru – Is-SE informat li t-trinka biex il-fontana tkun tista taħdem b'mutur saret. Larry talab lis-SE biex f'din il-fontana issir sistema li jinbidel il-kuluri tad-dawl. Is-SE ghandha tistaqsi lill-kuntrattur Richard Cauchi fuq dan is-suġġeriment.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru, fis-3.00pm is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Francis Cauchi | Amanda Abela |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |